Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 509/92

tat-28 ta' Frar 1992

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

(ĠU L 55, 29.2.1992, p. 80)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) nru 936/1999 tas-27 ta' April 1999	L 117	9	5.5.1999
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 705/2005 tal-4 ta' Mejju 2005	L 327M	359	5.12.2008
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 tas-7 ta' Mejju 2013	L 130	1	15.5.2013

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 509/92

tat-28 ta' Frar 1992

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintalbu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż kif mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*ĠurnaJ Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal- klassifikazzjoni tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Il-prodott, li jikkonsisti minn taħlita ta' residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun (madwar 40 %), residwi mill-estrazzjoni taż-żejt mill-mikrobi tal-qamħirrun bil-metodu tat-tixrib (madwar 30 %) u residwi tad- distillazzjoni ta' l-alkoħol mill-qamħirrun ("distillati mill-qamħa") (madwar 30 %), li jippreżenta l-karatteristiċi analitiċi li ġejjin, toqol ta' materja xotta:	2309 90 41	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid- dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall- interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-nota addizzjonali 1 tal-kapitolu 23 u mit- testi tal-kodiċijiet tan-NM 2309, 2309 90 u 2309 90 41.
— lamtu 18 % stabbilit skond il-metodu ►**M3** stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, l-Anness III, il-parti L ◄		
— proteini (N × 6,25) 28 % stabbilit skond il-metodu ►**M3** stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, l-Anness III, il-parti C ◄		
— xaħmijiet 4,4 % stabbiliti skond ►**M3** il-metodu stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009, l-Anness III, il-parti H ◄		
Huwa wżat fl-għalf ta' l-annimali.		
2. Preparazzjoni li tikkonsisti l-aktar minn taħlita ta' madwar 60 % calcium hydrogen-orthophosphate (dicalcium phosphate), bħala toqol, u madwar 40 % calcium bis (dihydrogenorthophosphate) (monocalcium phosphate), bħala toqol, użata fl-għalf ta' l-annimali.	►**M3** 2309 90 96 ◄	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall- interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2309, 2309 90 u ►**M3** 2309 90 96 ◄ (ara wkollin-Noti ta'Spjegazzjoni ta' l-HS, l-intestatura 23.09, parti II. Ċ).